# L-Użu Sigur ta'

# Apparat u Makkinarju



Fig1

## Gwida ta' Prattika Tajba

# Fork Lift Trucks

*Fork Lift Trucks (FLT) jew Forklifters kif inhuma magħrufin, huma wżati estensivament fl-industrija u huma biċċa għodda utili ħafna. Sfortunatament spiss nisimgħu b'inċidenti li jinvolvu FLT. Kull sena jseħħu numru sostanzjali ta' inċidenti li jikkawżaw korrimenti u anki mwiet. Dawn l-inċidenti jfissru ħafna tbatija għall-persuni nvoluti u l-familji tagħhom kif ukoll danni materjali, sfrattu tax-xogħol u spejjeż għal min iħaddem.*

## X'Tgħid il-Liġi

Skont il-liġi tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, min iħaddem għandu l-obbligu li jħares u jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Il-parti tal-liġi li tikkonċerna l-FLT insibuha fir-Regolamenti dwar Apparat tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi għas-Sigurtà u s-Saħħa), L.S. 424.35. (A.L. 293/2016).

Min iħaddem għandu jiżgura li dan il-makkinarju għandu jsirulu spezzjonijiet minn persuna kompetenti mill-anqas darba kull perjodu ta' tnax-il xahar; fil-każ li l-makkinarju jew l-aċċessorji tagħhom jintużaw biex jerfgħu persuni, dawn għandhom jiġu eżaminati mill-inqas darba kull perjodu ta' sitt xhur.

Kopja taċ-ċertifikat tal-eżami għandha takkompanja l-FLT fuq il-post tax-xogħol fejn tkun qed tintuża u dan iċ-ċertifikat għandu jkun disponibbli biex jiġi spezzjonat.

Iċ-ċertifikati għandhom jiġu rreġistrati u miżmuma għal perjodu minimu ta' sentejn. Jekk jirriżulta li hemm xi difetti jew ħsarat, dawn iridu jiġu rranġati qabel ikompli jintuża l-FLT. Min iħaddem għandu jiżgura li ssir manutenzjoni adegwata u rekord ta' din tkun miżmuma kif imiss. Ħadd m'għandu jitħalla jsuq jew iħaddem FLT jekk ma jkunx magħżul, imħarreġ u awtorizzat. Din il-persuna għandha tkun responsabbli, affidabbli u kompetenti, kif ukoll f'saħħitha fiżikament u mentalment. B'hekk tkun konxja tal-perikli u r-riskji sabiex tkun tista' tevita inċidenti. Għandu jiġi żgurat li l-FLT jkollu struttura li tipproteġi s-sewwieq fil-każ li l-FLT jinqaleb u minn xi oġġetti li jistgħu jaqgħu fuqu.

Kopja tal-liġi tista' tiġi mniżżla minn fuq il-website tal-Awtorità: [www.ohsa.mt](www.ohsa.mt)

## X'Għandu Jsir Meta Jintuża FLT

- Iċ-ċwievet tal-FLT jittieħdu biss minn min hu awtorizzat.
- Fejn hu possibbli, FLT u nies mexjin għandhom jinżammu separati.
- Doqq il-horn f'kantunieri u quddiem bibien.
- Suq bil-mod, speċjalment meta qed iddur, bil-frieket 150 mm 'il fuq mill-art (fejn hu possibbli) u tieqafx f'daqqa.
- Dejjem ħares 'l fejn tkun qed issuq u uża l-mirja meta ssuq lura.
- Meta tinżel mill-FLT ara li ttella' l-brejk.
- Qabel terfa' xi oġġett, ara li hemm spazju biżżejjed u li ma jistgħux jaqgħu oġġetti fuq in-nies.
- Meta titla' jew tinżel mill-FLT, oqgħod attent u uża l-handles jew skali.



Fig2

© Occupational Health and Safety Authority

## Qatt m'Għandek:

- Terfa' persuna fuq il-frieket jekk mhux f'gaġġa magħmula apposta u ċċertifikata
- minn persuna kompetenti.
- Tħaddem il-FLT minn barra l-kabina.
- Terfa' oġġetti meta hemm xi persuna qrib tagħhom.
- Tħalli nies jgħaddu minn taħt il-frieket.
- Terfa' oġġetti li mhumiex stabbli.
- Iġġorr passiġġieri.
- Tgħaddi minn fuq cables jew pajpijiet.
- Issuq bit-tagħbija mgħollija.
- Issuq b'tagħbija li ma tħallikx tara fejn sejjer. Jekk dan mhux possibli, għandu jkun hemm assistent li jiggwidak.
- Issuq fuq art mhux adegwata (mhux lixxa).
- Tħaddem il-FLT b'magna tal-kombustjoni f'post magħluq jew mhux ventilat sew.

## Manutenzjoni

Il-FLT għandu jinżamm f'kundizzjoni tajba u ssirlu manutenzjoni regolari li tieħu ħsieb:

- It-tyres
- Il-brejkijiet
- Il-livelli ta' l-ilma, żejt u fuel
- Il-batterija
- Sistemi idrawliċi u mekkaniċi ta' l-irfigħ
- Struttura ġenerali tal-FLT
- Sinjali akustiċi
- Dwal
- Mirja

© Occupational Health and Safety Authority

*Kull min juża l-FLT għandu jkun konxju ta' dan kollu. Niftakru li l-FLT mhux ġugarell u fl-idejn żbaljati jista' jkun arma li kapaċi tagħmel ħafna ħsara. Għalhekk ħadd m'għandu jkun prużuntuż u joffri li jagħmel xogħol li mhux imarreġ għalih u ĦADD ma jista' jqabbdek tagħmel xogħol li ma tkunx imħarreġ għalih.*

OHSA, Ottubru 2023

*L-informazzjoni pprovduta f'dawn il-linji gwida ma tikkostitwixxix, u mhix maħsuba biex, tikkostitwixxi parir legali; l-informazzjoni hija għal skopijiet ġenerali biss u biex isservi bħala gwida għal dawk li għandhom dmirijiet biex jiżguraw sistema ta' xogħol sigura u post tax-xogħol sikur. L-informazzjoni pprovduta f'dawn il-linji gwida tista' tissemma wkoll bħala eżempji ta' prattika tajba mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol waqt spezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol u fil-Qrati. Barra minn hekk, sar kull sforz biex jiġi żgurat li l-informazzjoni f'dan id-dokument tkun korretta u pprovduta in bona fede skont ir-regolamenti u l-aħjar prattika attwali – huwa wkoll rakkomandat li wieħed għandu jikkunsidra r-regolamenti rilevanti kollha relatati ma' dan is-suġġett.*

**Image sources**

Fig1. https://banner2.cleanpng.com/20180525/lek/kisspng-forklift-cylinder-5b07b7de1db070.0527294015272324781216.jpg

Fig2. https://s.clipartkey.com/mpngs/s/42-424392_cliparts-for-free-download-forklift-clipart-construction-forklift.png

Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
Indirizz: 17, Triq Edgar Ferro, Pietà PTA 1533, Malta
Telefon: 21247677
F'każ ta' emerġenza wara l-ħin tax-xogħol ċempel: 99496786
Emejl: ohsa@ohsa.mt
Sit elettroniku: https://www.ohsa.mt/
Facebook: https://www.facebook.com/ohsamalta

© Occupational Health and Safety Authority